MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2004

Ċitazzjoni Numru. 18/2001/1

**Simonds Farsons Cisk Plc.**

**-vs-**

**Kevin Abela.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-5 ta' Jannar, 2001 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi b'skrittura li ggib id-data tas-27 ta' Mejju, 1999, id-ditta attrici ghaddiet lill-konvenut is-somma ta' Lm2000, fil-waqt li l-konvenut, li kien jigextixxi l-istabillimenti maghrufa bl-isem ta' Pink Fried Tomatoes Snack Bar, Santa Venera, obbliga ruhu li jixtri minghand id-ditta attrici prodotti li jiswew mill-anqas Lm5000 eskluza t-taxxa tal-VAT, kif ukoll "not to sell in or from the designated premises any other products which are similar to the products produced

and marketed by the company", cioe', ta' dik attrici, u dana ghall-periodu ta' tlett snin mid-data tal-ftehim.

Illi l-konvenut kiser dan il-ftehim u, ghalhekk, il-konvenut ghandu jitqies li ddekada mill-beneficju tat-terminu moghti lilu u ghandu jigi kkundannat ihallas kull bilanc dovut.

Illil-konvenut ghad fadallu jhallas is-somma ta' Lm1,815.84.

Illi l-konvenut interpellat biex ihallas din is-somma, anke ufficjalment, baqa' inadempjenti.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet fuq imsemmija, (1) m'ghandux jigi dikjarat li l-konvenut agixxa bi ksur tal-ftehim fuq imsemmi u ghandu, ghalhekk, jirrifondi lid-ditta attrici s-somma imsemmija ta' Lm1,815.84, u konsegwentement (2 m'ghandux l-istess konvenut jigi kkundannat ihallas lid-ditta attrici s-somma imsemmija ta' Lm1,815.84 (elf, tmien mija u hmistax-il lira maltija u erba u tmenin centezmu) dovuti lilha kif fuq spjegat.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Ittra Interpellatorja tal-10 ta' Ottubru, 2000, u tal-Ittra Ufficjali tal-20 ta' Ottubru, 2000, u bl-imghaxijiet legali tat-8% mid-data tal-istess Ittra Ufficjali kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut naqas li jippresenta eccezzjonijiet nonostante li kien debitament notifikat;

Rat l-atti processwali.

Semghet ix-xhieda tas-seduta tas-26 ta' Jannar 2004 illi permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat in-nota ta' riduzzjoni.

Illi l-prova prodotta mis-socjeta' attrici ma gietx kontradetta.

**Il-Qorti ghalhekk, tilqa' t-talbiet attrici u fil-kontumacja tal-konvenut tikkundanna l-konvenut ihallas lis-**

**socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u sbatax il-lira u tmienja u tletin centezmu (Lm817,38c) u imghaxijiet legali mill-20 ta' Ottubru 2000 sal-pagament effettiv; bl-ispejjes inkluz tal-ittra ufficjali imsemmija fic-citazzjoni jigu sapportati kollha mill-konvenut.**

Moqrija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------